# Iż-Żjara tar-Relikwarju tal-Madonna tad-Dmugħ fis-Soċjetà Mużikali Beland - Il-Ġrajja tal-Madonna tad-Dmugħ

**Kitba ta' Paul Zammit u l-Perit Jason Zammit**




Fl-għodwa tad-29 t'Awwissu 1953, fit-8.30 a.m., fid-dar tal-koppja Angelo u Antonina Iannuso, f'Via degli Orti numru 11, ġo Sirakuża fi Sqallija, beda ħiereġ dmugħ uman minn xbieha tal-Qalb Imqaddsa ta' Marija li kienu qalgħu fit-tieġ tagħhom bħala rigal. Dan il-miraklu kompla fil-ġranet tat-30, 31 t'Awwissu u l-1 ta' Settembru, u l-aħbar xterdet ma' Sirakuża u mad-dinja kollha. Folol kbar bdew jinġabru fejn il-post tal-miraklu. F'dawk il-jiem bdew iseħħu mirakli ma' diversi nies li raw b'għajnejhom u missew b'idejhom dan id-dmugħ.

L-awtoritajiet ekkleżjastiċi waqqfu kummissjoni ta' tobba u nhar l-1 ta' Settembru rnexxielhom jiġbru madwar ċentimetru kubu ta' dan il-likwidu li deher iġelben ma' ħaddejn ix-xbieha tal-Madonna. Wara studju bir-reqqa, irriżulta li kellu l-istess kompożizzjoni ta' dmugħ uman. L-oġġetti tal-analiżi tpoġġew f'relikwarju li beda jdur madwar id-dinja biex iwassal il-messaġġ ta' Marija, li hija l-Omm tal-umanità u li bid-dmugħ tagħha twassal il-maternità tagħha.

Il-konferma tal-miraklu ġiet ikkommunikata mill-isqfijiet ta' Sqallija fit-12 ta' Diċembru 1953. Huma ħeġġew li f'qasir żmien jinbena santwarju li jfakkar dan il-fatt tal-għaġeb. Ftit 'il bogħod mid-dar tal-miraklu nbena s-Santwarju Bażilika. Id-devozzjoni lejn il-Madonna tad-Dmugħ dejjem ġiet rikonoxxuta mill-Papiet: Papa Piju XII, Papa Giovanni XXII u Papa Pawlu VI. Papa Ġwanni Pawlu II ikkonsagra din il-bażilika u l-artal tagħha fl-1994, u l-Papa Franġisku laqagħha fil-Bażilika tal-Vatikan fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-Ħniena fil-5 ta' Mejju 2016.

Maż-żmien inbniet bażilika li l-kunċett warajha kien id-dmugħ li ġelben ma' wiċċ il-Madonna. Din l-istruttura ġiet iddisinjata mill-periti Franċiżi Michel Andrault u Pierre Parat. Din bdiet tinbena fl-1966 u tlestiet fl-1994. Illum dan il-post huwa ċ-ċentru ta' devozzjoni li tfakkar din il-ġrajja ta' Ommna Marija, fejn fiha tilqa' mijiet ta' pellegrini. Dan il-miraklu ta' Marija jżur id-dinja fir-relikwarju pellegrin.

Papa Franġisku fiż-żjara fil-Vatikan fid-Domus Santa Marta nhar il-25 ta' Mejju 2018 qal hekk: 'Minn Sirakuża ġabu hawn ir-Relikwa tad-Dmugħ tal-Madonna. Illum jinsabu hemm u nitolbu lill-Madonna sabiex tagħti lilna u anki lill-umanità kollha, li tant għandha bżonn, id-don tad-dmugħ: ħalli nkunu nistgħu nibku għal dnubietna u għal tant diżgrazzji li jweġġgħu lill-poplu ta' Alla u lill-ulied ta' Alla.'

**Iż-Żjara tar-Relikwarju tad-Dmugħ fil-Parroċċa tagħna**

Fl-2019, il-Fratellanza Madonna taċ-Ċintura ħasbet biex tinġieb fil-Parroċċa taż-Żejtun u f'Malta r-Relikwarju tal-Madonna tad-Dmugħ minn Sirakuża, fl-okkażjoni tat-Tielet Ċentinarju mit-Tberik tal-Knisja Parrokkjali. Din iż-żjara kellha ssir bejn it-30 ta' Marzu 2020 u 3 t'April 2020. Minħabba l-pandemija, din iż-żjara ġiet posposta u l-ewwel okkażjoni biex tinġieb fostna kien propju din is-sena. Din iż-żjara kienet possibli li sseħħ wara li l-Arċipriet tal-Parroċċa tagħna Dun Nicholas Pace talab f'isem il-Fratellanza tagħna lill-Arċisqof ta' Malta sabiex issir talba uffiċċjali min-naħa tiegħu lill-Isqof ta' Sirakuża, biex jinħareġ il-permess uffiċċjali biex dan ir-Relikwarju uniku fid-dinja jinġieb fostna. Mal-Parroċċa tagħna ngħaqdet ukoll il-Parroċċa tax-Xagħra f'Għawdex fejn dan ir-relikwarju kien inġieb darbtejn oħra qabel, fis-sena 1978 u fis-sena 2000.






Dan ir-Relikwarju beda ż-żjara uffiċċjali tiegħu fl-4 t'April u dam fostna sat-8 t'April 2022. Madankollu, il-preparazzjoni bdiet minn ferm qabel. Saru mumenti ta' talb fiż-żoni tal-Parroċċa tagħna ġimgħat qabel iż-żjara fostna. Il-membri tal-Fratellanza kienu mistidnin biex imorru fuq programmi ta' televiżjoni u radju. Xhur qabel din iż-żjara, ir-Rettur tas-Santwarju wera x xewqa li l-istorja tal-Madonna tad-Dmugħ li hija rrakkontata fuq ktejjeb bil-lingwa Taljana tiġi maqluba għall-Malti fl-okkażjoni ta' din iż-żjara. It-traduzzjoni ta' dan il-ktejjeb sar minn Dun Gino Gauci.

Dan ir-Relikwarju ġie akkumpanjat f'Malta mis-saċerdot missjunarju mill-Bażilika Santwarju tal-Madonna tad-Dmugħ ta' Sirakuża, Dun Raffaele Aprile, flimkien ma' voluntier, is-Sur Luigi Calì. Flimkien mar-Relikwarju nġiebet ukoll xbieha tal-Madonna tad-Dmugħ magħrufa bħala l-Madonna Pellegrina fejn tqiegħdet fuq l-artal taċ-Ċintura fil-Parroċċa tagħna tul il-ġimgħa taż-żjara fejn ġiet esposta għan-nies. Numri kbar ta' nies inġabru f'mumenti ta' talb quddiem din ix-xbieha daqshekk devota.

Nhar it-Tnejn 4 t' April 2022: Iż-żjara bdiet f'Radju Marija fejn ġiet milqugħa minn ammont kbir ta' nies li attendew ukoll għall-quddiesa li kienet iċċelebrata minn Dun Antoine Borg, direttur ta' Radju Marija, u wara ngħad ir-Rużarju. Il-quddiesa kif ukoll ir-Rużarju ġew trażmessi live fuq l-istess stazzjon.
Filgħaxija saret ċelebrazzjoni ta' merħba fil-parroċċa. Għall-ħabta tas-6:15p.m., il-fratelli u membri tal-Kleru laqgħu r-Relikwarju fl-Oratorju tas-Santissimu Sagrament u wara saret translazzjoni tar-Relikwa għall-Knisja Parrokkjali fejn wara ġiet iċċelebrata quddies minn Dun Raffaele Aprile.
Wara ġiet inawgurata xbieha tal-Madonna tad-Dmugħ, li twaħħlet mar-residenza tal-familja Montebello fi Triq Mater Boni Consigli, Żejtun u ġiet imbierka mill-Kanonku George Spiteri.

**Nhar it-Tlieta 5 t' April**
Ir-Relikwarju ttieħed fis-6:30 a.m. fil-Knisja ta' Ġesù Nazzarenu fejn saret iċ-ċelebrazzjoni tal-Via Matris u fis-7:00 a.m. tqaddset quddies minn Monsinjur Joe Magro. Wara ttieħdet id-Dar tal-Providenza ġewwa s-Siġġiewi fejn ġiet milqugħa mid-Direttur tal-istess Residenza, Dun Martin Micallef. Ingħad ir-Rużarju mir-residenti kif ukoll mill-ħaddiema u l-helpers fil-preżenza tar-Relikwarju. Fil-5.00 p.m. ġiet iċċelebrata quddiesa minn Dun Raffaele Aprile fil-Kappella tal-Ispritu s-Santu, fiż-Żejtun. Wara ttieħdet ġewwa d-Domus fejn ġiet milqugħa miż-żgħażagħ tal-grupp Forward fil-preżenza ta' Dun Dillon Bugeja, li min-naħa tiegħu ta spjegazzjoni liż-żgħażagħ dwar ir-Relikwarju u s-sinifikat tiegħu. Wara ttieħdet għall-mument ta' talb fil-Kappella tal-Mużew tas-Subien fiż-Żejtun stess. Filgħaxija, ir-Relikwarju ttieħed fis-Soċjetà Mużikali Banda Żejtun, fejn sar mument ta' talb u ġiet iċċelebrata l-Via Matris.

**L-Erbgħa 6 t'April**
Iż-żjara bdiet b'quddiesa ġewwa ċ-Ċentru Pastorali Ġebel San Martin u wara ttieħdet għaċ-ċelebrazzjoni tal-quddies ġewwa r-residenza San Vincenz de Paul. Din iċ-ċelebrazzjoni ġiet immexxija minn Fr. Lino Azzopardi. L-akkoljenza hawnekk kienet waħda tajba wkoll. Wara ttieħdet ġewwa l-Workshop ta' Dar Nażaret fiż-Żejtun. Fil-5:00 p.m. ġiet iċċelebrata quddiesa minn Dun Dillon Bugeja għat-tfal tan-Nursery taż-Żejtun Corinthians fl-Isports Complex. Filgħaxija ttieħdet ġewwa s-Sede tas-Soċjetà Mużikali Beland.

**Il-Ħamis 7 t' April 2022**
Fis-7:30 a.m. bdiet iż-żjara fil-Knisja ta' San Girgor u wara ttieħdet fid-Dar tal-Anzjani ġewwa ż-Żejtun stess. Wara saret ċelebrazzjoni ta' quddiesa fid-Dar tal-Kleru ġewwa Birkirkara. Għal din il-quddiesa kien preżenti wkoll l-Arċisqof Emeritu ta' Malta Mons. Pawlu Cremona OP. Fil-5:00 p.m., Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna beda jamministra s-Sagrament tal-Qrar fil-kor tal-Knisja Parrokkjali u fis-6:30 p.m. bdiet konċelebrazzjoni solenni mmexxija mill-istess Arċisqof, fil-preżenza ta' Dun Nicholas Pace, Arċipriet taż-Żejtun, Dun Raffaele Aprile, Mons. Carmelo Refalo, Arċipriet tax-Xagħra Għawdex, Dun Dillon Bugeja, Viċi Arċipriet taż-Żejtun, Kan. George Spiteri u Patri Salv Spagnol OCD Kappillan Ta' Xbiex. Għal din iċ-ċelebrazzjoni attenda wkoll l-Eċċellenza tiegħu l-President ta' Malta Dr. George Vella u s-Sinjura tiegħu Miriam Vella. Din iċ-ċelebrazzjoni saret bis-sehem tal-Cappella Diacono taħt id-direzzjoni ta' Mro. Sciberras u kienet imxandra diretta fuq Xejk TV. Fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni, il-Fratellanza Madonna taċ-Ċintura rregalat sopra leġiju lis-Santwarju Bażilika bħala tifkira taż-żjara u ngħataw rikonoxximenti lill-Eċċelenza tiegħu l-President tar-Repubblika, lill-Eċċelenza tiegħu Arċisqof ta' Malta u lil diversi nies li taw il-kontribut tagħhom biex din iż-żjara tkun suċċess. Min-naħa tiegħu, is-Santwarju ta xbieha tal-Madonna tad-Dmugħ biex tinżamm b'tifkira ta' din iż-żjara. Wara saret velja ta' talb fil-Knisja Parrokkjali li ngħalqet bil-barka tar-Relikwarju mill-Kanonku Anton Galea Scanura, Kappillan ta' Birżebbuġa.

**Il-Ġimgħa 8 t' April (Jum it-tifkira tad-Duluri)**
Filgħodu r-Relikwarju ttieħed fil-Knisja Parrokkjali fejn Dun Gino Gauci ċċelebra quddiesa u fit-tmiem ingħata rikonoxximent tal-ħidma tiegħu b'risq iż-żjara. Wara ttieħed fil-Knisja Madonna tal-Ħniena ġewwa Bir id-Deheb, fejn ir-Relikwarju ġie espost għall-pubbliku u ġiet iċċelebrata quddies li kienet immexxija minn Dun Dillon Bugeja. Wara ttieħed fl-Oratorju tas-Santissimu Sagrament fejn saret purċissjoni bid-Duluri tat-tfal għall-Knisja Parrokkjali



fejn ġiet iċċelebrata quddiesa mill-Kanonku George Spiteri. Wara kien imiss li dan ir-Relikwarju jittieħed ġewwa Mater Dei, fejn ġiet iċċelebrata quddiesa oħra mill-Kanonku Louis Farrugia ġewwa l-Kappella tal-istess sptar. Haddiema, kif ukoll pazjenti f'dan l-isptar attendew bi ħġarhom għal din iċ-ċelebrazzjoni.

Filgħaxija fis-6:00 saret ċelebrazzjoni Marjana bil-ħsibijiet fuq il-Madonna tad-Dmugħ. Fis-6:30 p.m. saret quddiesa t'għeluq taż-żjara mill-Arċipriet Dun Nicholas Pace fejn fl-aħħar tbierket irħama kommemorattiva fil-Knisja Parrokkjali.

L-għada, ir-Relikwarju ttieħed fil-Kunventi tal-Klawsura u beda t-triq tiegħu lejn il-Parroċċa tax-Xagħra f'Għawdex. Nhar it-Tlieta 12 t'April ġiet iċċelebrata quddiesa minn Mons. Carmelo Refalo li fiha għamel l-omelija l-Arċipriet taż-Żejtun Dun Nicholas Pace. Għaliha ġiet mistiedna l-Fratellanza Madonna taċ-Ċintura Żejtun li wara akkumpanjaw fil-pellegrinaġġ bir-Relikwarju u bix-xbieha tal-Kurċifiss.

B'tifkira taż-żjara saret pubblikazzjoni tal-ktejjeb b'disinn ta' Ismahel Cocker u midalja kommemorattiva. Ġew ippublikati diversi santi u oġġetti oħra.

**Żjara fil-Każin Beland**

Dan ir-Relikwarju żar is-Sede tas-Soċjetà Mużikali Beland nhar l-Erbgħa 6 t'April 2022. Ir-Relikwarju ngħata merħba tajba mill-President ta' din is-Soċjetà kif ukoll mill-membri preżenti. Waqt din iż-żjara sar mument ta' talb immexxi mis-sur Frans Zahra kif ukoll ġiet iċċelebrata l-Via Matris. Dawn ir-rakkonti u t-talb inqraw mill-membri ta' din is-Soċjetà: mill-President Dr. Joe Buttigieg, is-Sur Joseph Abela, is-Sur Charles Fenech, is-Sinjura MaryRose Fenech, is-Sur Julio Pace, is-Sinjorina Dorianne Magri u s-Sur Terence Cassar. F'għeluq ta' din iż-żjara sar diskors mill-President tal-istess banda fejn anke ġie ppreżentat b'rikonoxximent. Membri tal-Fratellanza ppreżentawlu midalja kommemorattiva. Is-Saċerdot Dun Raffaele Aprile ffirma u kiteb kummenti fil-ktieb iddedikat lill-mistednin ta' din is-Soċjetà. Din is-Soċjetà ġiet ippreżentata wkoll b'maktur li ntmess ma' dan ir-Relikwarju u fih kitba ta' tifkira ta' dakinhar. Wara, is-saċerdot minn Sirakuża u l-voluntier ġew mistiedna biex jaraw il-Każin kif ukoll il-mejda tal-appostli li ġiet armata propju għaż-żmien ir-Randan.

